Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 205/2016

**Thomas Djafari, Jorge Alvarez u l-Avukat Dr Malcolm Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Brian Glass u Jasmine Bonshor**

**Vs**

**TRC Family Entertainment Limited**

25 ta' Frar,2019.

1. B'rikors prezentat fl-20 ta' Novembru, 2018 l-atturi appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2018 li biha gie deciz:

   *"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta, dan pero' tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta skont l-Artikolu 2148(d) tal-Ligijiet ta' Malta"*.

2. L-aggravji tal-atturi huma li:

   i. L-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi peress li l-kawza kienet prezentata fit-18 ta' Awissu, 2016. Fl-1 ta' Ottubru, 2015 l-atturi rcevew messagg minghand Craig Robinson, direttur tal-konvenuta, li jghid: *"you can be assured we are doing everything possible to ensure that the salaries owed to staff are paid"*. Dan apparti li l-attur Djafari jghid li kellu konversazzjoni ma' diretturi ohra tas-socjeta konvenuta, Paul Taylor u Craig Robinson, fejn weghduh li ser ihallsuh. Ghalkemm m'hemmx data meta sar dak il-kliem, jidher li dan kien ferm wara li l-hlas kien dovut.

ii. L-ewwel qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhux fuq l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili li jissemma fl-eccezzjoni izda fuq l-artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili. Inoltre wkoll jekk ghas-sahha tal-argument dik id-disposizzjoni tapplika, iz-zmien kien gie interrott skont l-artikolu 2133 tal-Kodici Civili peress li Craig Robinson fl-1 ta' Ottubru 2015 qal li kien ser ihallas kollox.

3. Il-konvenuta wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. L-atturi qeghdin jippretendu minghand il-konvenuta hlas ta' tlettax-il elf seba' mija u hamsa u tmenin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€13,785.51), pagi u beneficcji li s-socjeta konvenuta naqset milli thallas.

5. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taqra:

> *"1. Preliminarjament, it-talba tal-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili".*

6. Fis-sentenza l-qorti spjegat ghalfejn ghall-kaz in ezami tapplika l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili. Ladarba dik kienet id-decizjoni, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuta kellha tigi michuda u mhux tintlaqa' a bazi ta' disposizzjoni differenti. L-artikolu 2112 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li:

> *"Il-qorti* ***ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni****, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata".*

7. Quddiem l-ewwel qorti l-konvenuta ma tatx l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skont l-artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili. Ghalhekk l-ewwel qorti kellha tiddeciedi biss fuq l-ewwel eccezzjoni kif inghatat mill-konvenuta, kif hi stess qalet fis-sentenza:

*"Xoghol il-Qorti bhalissa huwa li tiddeciedi jekk l-azzjoni attrici hijiex preskritta skont l-artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta"*.

8. L-ewwel qorti ma setghetx l-ewwel tilqa' l-eccezzjoni u mbaghad tghid li " *.... pero' tiddikjara li din l-azzjoni hija preskritta skont l-Artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta"*. Bil-mod li ddecidiet il-qorti, giet li *ex officio* tat eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Dan l-appellata tafu tant li fit-twegiba ghar-rikors tal-appell iddikjarat li qeghda, *"... tecepixxi wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16"* u sahansitra fil-11 ta' Dicembru, 2018 ipprezentat rikors fejn talbet lill-qorti sabiex *"tawtorizzaha tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-art. 2148(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta"*. Cirkostanzi li juru li l-konvenuta gharrfet li l-ewwel qorti ghamlet zball meta *ex officio* ddikjarat li l-azzjoni hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(d) tal-Kap. 16.

9. Fic-cirkostanzi s-sentenza tal-ewwel qorti hi difettuza u ser tigi mhassra. Ghaldaqstant, m'hijiex ser tikkunsidra u tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(d) li giet sollevata mill-appellata fl-istadju tal-appell, u li *semmai* tkun tista' tigi sollevata quddiem l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2018.**

**Tibghat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex terga' tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont kif inghatat mis-socjeta konvenuta (fol. 8).**

**Spejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba dak li gara kien zball tal-qorti.**

Anthony Ellul.